MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 236/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clo. Bartolo)**
**Vs**
**Nicholas Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn t-tlettax ta' Gunju 2001 u sena w disgha xhur qabel din d-data, b'diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:**

**a) Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin saret**

**ghad-dannu ta' Romeo Camilleri minn Bahar ic-Caghaq u bosta persuni ohra;**

**b) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin u saret ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;**

**c) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd u cioe ta' Romeo Camilleri, Anna Camilleri, Johanna Camilleri u bosta persuni ohra, weggaghom bi kliem, b'gest, b'kitba, b'disinnji jew b'xi mod iehor, liema ngurji saru b'kitba, b'figuri, jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku;**

**d) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bil-mezz ta' karta miktuba sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tieghu nnifsu jew b'isem mahluq, hedded lil haddiehor u cioe lil Romeo Camilleri, Anna Camilleri, Johanna Camilleri lkoll minn Bahar ic-Caghaq, u bosta persuni ohra b'xi delitt, liema delitt sar b'ordni jew kondizzjoni;**

**e) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, sabiex jibghat oggett postali, uza bolla falza jew kien jidher li qed jithallas bil-quddiem dak l-oggett postali b'xi bolla li tkun giet uzata qabel biex thallas bil-quddiem xi oggett postali iehor jew li tkun xort'ohra giet uzata qabel ghal xi ghan iehor;**

**f) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ffalsifika francobolli jew xjentement ghamel uzu ta' frankobolli falsifikati;**

**g) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi minghajr permess specjali tal-Gvern, xjentement zamm fil-pussess tieghu frankobolli falsifikati, kontijiet, magni jew ghodod iddestinati ghal fabrikazzjoni ta' frankobolli;**

**h) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi baghat bil-posta oggetti postali u cioe ittri li kienu b'xi mod jheddu, kienu offensivi u libelluzi;**

**i) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew f'tibdil f'atti, fi skritturi jew f'firem jew billi dahhal isem ta' persuna mhux**

**vera, jew b'kitba maghmula jew imnizzla f'registri jew atti pubblici ohra wara li jkunu gia ffurmati jew maghluqa, ghamel falsifikazzjoni fi skritturi privati li jkunu jistghu jaghmlu hsara lil xi persuna jew igibu utili;**

**j) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn skritturi privati falsifikati;**

**k) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd u cioe lil Romeo Camilleri, Anna Camilleri, Johanna Camilleri lkoll minn Bahar ic-Caghaq, u bosta persuni ohra jaghmlu, jhallu isir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga;**

**l) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bi kliem, b'gesti, b'kitba stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament r-Religjon Kattolika Appostolika Rumana, li hija r-religjon ta' Malta, inkellha offenda r-religjon Kattolika Appostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta' din r-religjon jew lil ministri taghha jew kull haga lli tkun oggett ta' devozjoni tar-religjon Kattolika Appostolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata ghad-devozjoni ta' din r-religjon;**

**m)fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbiku jew f'lok espost ghal pubbliku;**

**n) f'isem ic-Chairman Awtorita ta' Malta dwar l-Kommunikazzjonijiet, talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, uza xi nfrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjonijiet provduti minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghal uzu sew ta' l-infrastruttura ta' telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sew;**

**o) waqt li kien f'Bahar ic-Caghaq matul il-lejl ta'bejn t-tlieta ta' Frar 2001 u l-erbgha ta' Frar 2001, ghall-habta tat-tlieta w nofs ta' filghodu m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallihx jew fixklu waqt li jkun jaghmel d-drimijiet tieghu jew b'xi mod iehor bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor**

**jagmel dak li b'ligi ikun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;**
**p) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien Bahar ic-Caghaq bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;**
**q) waqt li kien l-Imtarfa nhar t-tnax ta' Gunju 2001 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-artikoli 525(3) u 623(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu minhabba li kien fi stat ta' genn fiz-zmien tal-allegat reati w ordnat li l-imputat jinzamm taht kustodja fl-isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa taht kustodja w mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali (Kap. 262) jew kull disposizzjoni ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghal kaz.

Rat li minn din is-sentenza appellaw kemm l-Avukat Generali kif ukoll Nicholas Grech.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, wara li terga ssir evalwazzjoni korretta w ragonevoli tal-provi, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddikjarat lill-esponent mhux hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu minhabba li kien fi stat ta' genn fiz-zmien tal-allegati reati, tirrevokaha w thassarha in kwantu ordnat li l-imputat jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa' taht kustodja u mizmum skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali (Kap. 262) jew

kull disposizzjoni ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghal kaz, u tordna minflok illi l-esponent jintbaghat l-Isptar Monte Carmeli ghal evalwazzjoni finali (mhux residenzjali).

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta' Settembru, 2005 li bih l-appellant Nicholas Grech, permezz tad-difensur tieghu, Dr. Tonio Azzopardi, ddikjara li, in vista tal-pozizzjoni tal-ligi, l-appell tieghu kien qed jigi rtirat;**

**Rat in-nota ta' cessjoni tal-istess appell (Nru. 219/05 JGD) u l-verbal li bih din il-Qorti in vista tal-qari tan-nota ta' cessjoni, astjeniet milli tkompli tiehu konjizzjoni tal-istess appell ta' Nicholas Grech.**

**Rat il-verbal tal-istess data li bih Dr. Tonio Azzopardi ghall-appellat Nicholas Grech irrileva li in kwantu l-appell tal-Avukat Generali huwa bazat fuq l-aggravju a fol. 6 dwar l-irtirar tal-ammissjoni, l-appell huwa null billi ma sarx appell mid-decizjoni tal-24 ta' Mejju, 2004, izda biss mis-sentenza tat-28 ta' Gunju, 2005 u cioe' s-sentenza appellata.**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Rat li ghalhekk illum jibqa' biss l-appell tal-Avukat Generali biex jigi deciz;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti :- li l-ewwel Qorti erronjament illiberat lill-appellat minnhabba dak li jipprovdi l-artikolu 33(a) tal-Kodici Kriminali, meta , skond il-konkluzzjonijiet tal-**

**esperti nominati u l-fatti rizultanti mill-provi prodotti, dan ma kienx il-kaz. L-alterazzjoni mentali tal-imputat fiz-zmien tal-allegati reati kien u kellu jkun tali li jikkonduci lill-Ewwel Qorti sabiex tiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet tal-piena, imma certament mhux sabiex tillibera lill-appellat minnhabba stat ta' genn. L-esperti ma kkonkludewx b' mod car u inekwivoku li l-appellat kien fi stat ta' genn fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati, izda semplicement li kien ibaghti minn disturb mentali, li pero' ma jeliminax il-kapacita' u l-volonta' tieghu fil-kommissjoni tal-istess reati. Dan hu manifest anki fid-diversi atti li l-imputat ikkommetta, fejn bihom u bid-dinamika taghhom wera' li kien ferm kapaci li jrid dak li jaghmel u li ried il-konsegwenzi taghhom, anki jekk fl-istess hin irrizulta li ma setax iqis kompletament il-konsegwenzi tal-eghmil tieghu. Inoltre anki fir-registrazzjoni tal-ammissjoni tieghu, l-imputat wera' perfettament li kien jaf x' irid u x' qed jaghmel u tali ammissjoni ma kellhiex tigi awtorizzata irtirata (Sic!) jew reza ineffettiva legalment , izda kellha l-obbligu legali li tghaddi ghal prolazzjoni tas-sentenza fuq il-htija ammessa mill-imputat. (Sic!)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar l-eccezzjoni tal-appellat li ma sarx appell mid-decizjoni tal-Ewwel Qorti tal-24 ta' Mejju, 2004, huwa minnu li, bhala fatt, fir-rikors tal-appell ma hemmx talba ghar-revoka ta' din id-decizjoni w t-talba hija limitata ghar-revoka u thassir tas-sentenza tat-28 ta' Gunju, 2005.**

Illi pero' l-artikolu 415 tal-Kodici Kriminali jiddisponi fis-subartikolu (4) li l-appell mill-mertu tal-kawza jgib mieghu l-appell mid-digrieti interlokutorji, <u>ghalkemm dawn id-digrieti ma jkunux gew imsemmijin specifikatament</u> fir-rikors tal-appell . Terga' f' dan il-kaz id-digriet tal-24 ta' Mejju, 2004, ma kienx wiehed li jzomm il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, anzi, ghall-kuntrarju, kien wiehed li jordna l-prosegwiment tal-kawza. Konsegwentement seta' jigi appellat biss flimkien mall-appell mis-sentenza

definittiva w wara l-istess sentenza skond is-subartikolu (1) tal-art. 415. Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali jinsab pjenament in ordine u ritwali, anki jekk u fejn jolqot id-digriet in kwistjoni. Konsegwentement il-pregudizzjali sollevata mill-appellat hija nfondata w qed tigi respinta.

**Illi pero' din il-Qorti , wara li ezaminat l-atti kollha procedurali u kif zviluppa l-iter processwali f' dan il-kaz partikolari, tikkondividi pjenament id-decizjoni tal-Ewwel Qorti mehuda bid-digriet in dizamina li tordna li l-kawza titkompla u li tinjora l-ammissjoni tal-appellat moghtija fil-bidu tal-kawza, stante li sa mill-bidu nett f' din il-kawza kien jidher evidenti ghall-Ewwel Qorti li kien hemm dubju serjissimu dwar is-sanita' mentali tal-appellat, tant li l-Ewwel Qorti hasset li ghandha tinnomina lill-espert psikjatriku Dr. David Cassar dwar l-istat mentali tal-appellat . Dan l-Ewwel Qorti ma jidhirx li ghamlitu b' kapricc imma ghaliex kien jidher *"ictu oculi"* li n-natura tar-reati allegatament kommessi mill-appellat kienu jindikaw disturbi ossessivi fil-personalita' tal-appellat.**

**Illi l-Ewwel Qorti fid-Digriet tal-24 ta'Mejju, 2004, dahlet *funditus* fil-kwistjoni jekk l-ammissjoni originali setghetx tigi rtirata f' dawk ic-cirkostanzi fejn anki d-difensuri originali tal-appellat li kienu qed jippatrocinawh fil-bidu tal-kawza setghu ma kienux konsapevoli mill-istat mentali tal-appellat fiz-zmien tal-kommissjoni tal-allegati reati w ghalhekk ma kienux f' pozizzjoni li jiggwidaw lill-patrocinat taghhom konformement. L-Ewwel Qorti ukoll ghamlet studju dettaljat tal-pozizzjoni legali dwar l-irtirar tal-ammissjoni quddiem il-Qrati tal-Magistrati w s-setgha tal-Qorti li tordna l-prosegwiment tal-kawza fejn hi ma tkunx sodisfatta li r-reati ammessi, fil-fatt ikunu jirrizultaw. Din il-Qorti ma tara xejn li fih ghandha ticcensura r-ragunament tal-Ewwel Qorti kemm ghal dak li jirrigwarda l-enuncjazzjoni tal-principji legali hemm esposti, kif ukoll fl-apprezzament tal-fatti li wassluha biex tordna l-prosegwiment tal-kawza daqs li kieku l-imputat appellat ma rregistra ebda ammissjoni. (Fol. 276 tal-process)**

**Konsegwentement in kwantu l-appell odjern jista' jigi estiz li jirriferi ukoll ghal appell mid-Digriet tal-24 ta' Mejju, 2004, dan qed jigi michud u l-istess Digriet – ghall-kull buon fini - qed jigi konfermat minn din il-Qorti.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar il-mertu tal-appell mis-sentenza definittiva, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-diversi depozizzjonijiet tal-esperti psikjatrici, r-relazzjoni taghhom, kif ukoll in-natura tal-allegati reati kommessi u r-retroxena ta' kif zviluppa l-agir ossessiv tal-appellant ma tul is-snin li minn semplici konoxxenza fuq il-post tax-xoghol tal-*"work phase"* ta' zewg studenti zaghzagh hafna snin qabel, zviluppa ghall-ossessjoni kontinwa u li kull ma jmur bdiet izzid fil-portata taghha f' mohh l-appellat sakemm eskalat ghall-krucjata shiha ta' ingurji, danni volontarji, vandalizmu kontra proprjeta' privata u sahansitra anki proprjeta' pubbika, u dan mhux biss fir-rigward tat-tfajla koncernata u l-membri tal-familja taghha , imma addirittura w sahansitra kontra l-girien li kienu jabitaw fil-vicin ta' fejn kienet tirresjedi din it-tfalja mall-familja taghha kif ukoll kontra l-istess skola governattiva fejn kienet tghallem it-tfajla w bl-involviment ukoll ta' studenti innocenti li kienu jattendu l-istess skola.**

**Illi anki kieku ma kienet tezisti ebda relazzjoni jew xhieda dettaljata tal-periti psikjatrici fil-process, din il-Qorti – bhall-Ewwel Qoprti – ma kien ikollha ebda ezitazzjoni li tippronunzja ruha li dan kollu seta' kien biss il-prodott ta' mohh marid u marid serjament, ghax hadd f' sensieh ma jimbarka fuq krucjata ta' reati serji semplicement ghax studenta li hu jkun iltaqa' maghha xi snin qabel ma tintebahx min kien qed icemplilha, jiktbilha w jaghmlilha dawk il-vendikazzjonijiet u ingurji verbali, iskritti u bil-mezzi telefonici. Anki l-motivazzjoni li ta l-appellat lill-Pulizija fl-interrogatorju twil tieghu (Fols. 7 sa 17 tal-**

**process) u lit-tobba psikjatrici li ntervistawh, tindika bl-aktar mod skjaccanti stat ta' ossessjoni mentali anormali u li *"in common parlance*" tigi facilment deskritta bhala genn.**

**Pero' id-decizjoni tal-Ewwel Qorti w issa wkoll ta' din il-Qorti ma hix bazata fuq l-apprezzament soggettiv taghha fir-rigward, imma radikata fis-sod fuq dak li rrelataw u xehdu l-esperti psikjatrici nominati mill-Ewwel Qorti li uhud mill-punti saljenti taghhom qed jigu hawn riprodotti *verbatim* :-**

***"…Tul iz-zmien, il-hsibijiet ta' persekuzzjoni bdew jizviluppaw izjed u wara li kienu kellmuh il-Pulizija u ressquh il-Qorti , dawn il-hsibijiet bdew jizdiedu. F' dan iz-zmien beda jirrifjuta li jiehu l-kura u beda jikteb volumi kbar ta' materjal li kien jibghat ghand diversi nies inkluz il-Magistratura, il-probation officer, l-avukati tieghu u l-psikjatra tieghu. F' dan il-materjal u fil-konfront tieghu bdiet hierga izjed il-psikozi ta' persekuzzjoini tieghu. Din bdiet tizviluppa u tizdied."***

*"Meta Joanna Camilleri ma ghamlitx kuntatt mieghu dan il-fatt qanqallu hafna rabja … u wasal biex umbaghad irrejagixxa bil-mod li kompla agixxa fil-komportament zbaljat u inkorrett tieghu lejn Joanna Camilleri u l-familja u l-girien taghha."*

***"L-agir tieghu baqa' jeskala u tul ix-xhur <u>Nicholas Grech sar izjed disturbat mentalment</u>. Hu zviluppa twemmin illi kienu qed isiru konfoffi kontrieh. Dawn il-hsibijiet infirxu biex beda jahseb hazin, b' deluzjonijiet ta' persekuzzjoni mmirati lejn il-Pulizija, il-familja ta'Joanna Camilleri, il-Magistrati fil-Qorti , l-avukati difensuri tieghu u l-psikjatra espert kif ukoll kuranti."***

***"Dawn l-asserzjonijiet li kien ghamel l-imputat kienu kundizzjonati minn stat mentali karatterizzat minn <u>personalita' schizoide u introverta, stat ta' dipressjoni kronika li wasslitu biex kemm il-darba jipprova suwicidju b' mod qawwi u fl-ahhar zvilupp ta' psikozi. "</u>***

**Umbaghad aktar l-isfel fir-relazzjoni taghhom l-esperti psikjatrici kkonkludew hekk :-**

***" Mill-fatti klinici kollha li ikkonstatajna, ahna f' pozizzjoni li nikkonkludu li Nicholas Grech qed isofri minn kundizzjoni psikjatrika li ahna niddefinixxuha bhala paranoid psychosis. Din il-kundizzjoni hija ta' natura kronika li tirrikjedi kura fit-tul."***

***"Ghaldaqstant nirrakkomandaw illi Nicholas Grech ghandu jibqa' jattendi ghall-kura psikjatrika fuq bazi regolari kif mitlub minn psikjatra u jibqa' jiehu l-kura ghall-kundizzjoni tieghu ukoll kif mitlub. Dan irid ikun fit-tul."***

*"Nixtiequ nzidu wkoll illi fiz-zmien tar-reat dedott kontra tieghu , l-imputat kien fi stat ta' alterazzjoni mentali fejn kellu nuqqas ta' gudizzju u nuqqas ta' awtokritika . Ukoll ma kienx kapaci jivvaluta l-konsegwenzi tal-agir tieghu.*" (Fols. 136–142; – sottolinear ta' din il-Qorti).

L-esperti psikjatrici kkonfermaw il-kontenut tar-relazzjoni taghhom u l-konkluzzjonijiet minnhom raggunti anki meta xehdu "*in extenso*" quddiem l-Ewwel Qorti. (Fol. 124 sa 135 tal-process. ) Fejn qalu ukoll "*inter alia"* li :-

*"Il-volonta' tieghu ma kienetx cara. Kienet menomata wkoll bil-process psikotiku li kellu."*

*"Dan ma kienx responsabbli."*

*"Il-psikozi tieghu, jigifieri id-disturb mentali tieghu kien ikopri t-tul ta' zmien kollu li hu kien jahseb fuqha, jigifieri mill-bidu nett dahallu l-hsieb li din il-persuna ghandha thobbu. Il-hsieb li dahal kien fi stat mentali hazin, jigifieri ma kienx qieghed fi stat mentali normali. Allura l-agir tieghu sussegwentement kien kondizzjonat mill-psikozi li hu kien qed isofri minnha. Jigifieri kull agir inkorrett li ghamel kien gie kondizzjonat mill-hsieb patologiku li kellu. Jigifieri avolja dawn graw kemm il-darba fuq tul ta' zmien . Fl-istess periodu kif qalilkom Dr. Cassar ukoll ipprova*

*jikkommetti suwicidju , jigifieri biex hu jipprova jikkommetti suwicidju ma kienx fi stat normali. Jigifieri dan kien parti mill-process li kien qieghed jingrana li kien qieghed jihrax maz-zmien."*

U aktar 'l isfel l-esperti ghamlu avvertiment kawt :-

***"…. din il-kondizzjoni hija kronika u tirrikjedi kura fit-tul. Dan ifisser li jekk il-kura tinqata' u jitlef il-"follow-up" jew minn jeddu, jew ghax jigi discharged , hemm il-possibilita' li jiddeterjora u jerga' jibda jimrad bl-istess kondizzjoni. Ghalhekk ahna tajna l-opinjoni li l-kura ghandha tkun fit-tul. Fit-tul huwa "indeterminate, indefinite."…."Din il-marda ta' paranoid psychosis hija kronika u ghandu bzonn kura fit-tul. Jekk ovvjament il-kura tinqata' ghal xi raguni jew ohra , ghax forsi ma hemmx aktar motivazzjoni, iva <u>jista' jerga' jimrad u jiddeterjora u jasal ghall-istess incidenti."</u>***
(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti.)

Ikkonsidrat ;

Din il-Qorti ccitat abbondantement mir-relazzjoni tal-periti psikjatri w mix-xhieda taghhom biex turi li, konfrontata b' relazzjoni w xhieda serrata tal-esperti psikjatri minnha nominati, difficilment wiehed jista' jimmagina kif l-Ewwel Qorti setghet tasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha u cioe' li l-appellat kien ezenti mir-responsabbilta' kriminali ghall-agir tieghu skond l-artikolu 33 (a) tal-Kap.9 . Anzi din il-Qorti tasal biex tghid li kienet tkun pruzunzjoni da parti tal-Ewwel Qorti kieku waslet ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li fil-fatt waslet ghaliha.

L-Ewwel Qorti mhux biss ghamlet apprezzament korrett tal-fatti izda ukoll inkwadrathom fil-qafas legali taghhom kif sorrett mill-gurisprudenza u l-awturi minnha citati w ma hemm xejn x' din il-Qorti tikkummenta jew ma taqbilx mieghu f' dak kollu li qalet.

Illi l-Qorti Kriminali fil-kawza : **“Regina vs. Toni Borg”** (per Flores J. – 23/6/1970) fejn irrizultaw mir-relazzjoni tal-espert psikjatra l-istess tip ta’ mard u alterazzjoni mentali w cioe’ zkizofrenja paranoijka, kienet irriteniet li din il-kondizzjoni mentali kienet tammonta ghall-genn fis-sens tal-ligi w tezimi lill-akkuzat mir-responsabbilta’ kriminali.

Ghalhekk l-aggravju tal-Avukat Generali huwa assolutament infondat u l-appell tieghu qed jigi michud.

Illi finalment l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata , wara li rat l-artikoli 525 (3) u 623 (1) tal-Kap.**9 ordnat li l-appellat jinzamm taht kustodja fl-Isptar Monte Carmeli biex hemmhekk jibqa’ taht kustodja u mizmum skond id-dispozizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Sahha Mentali [Kap.262] jew kull dispozizzjoni ohra tal-ligi jew legislazzjoni applikabbli ghal kaz.**

Illi l-appell li kien intavola l-appellat odjern dwar dan il-provvediment kien gie minnu irtirat u cedut fl-udjenza tal-29 ta’ Settembru, 2005. Ghalhekk din il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Din il-Qorti, fic-cirkostanzi, u partikolarment in vista tal-avvertiment maghmul mill-esperti psikjatrici, fuq citat, thoss li ghandha ttenni li dan il-provvediment ghandu jigi rispettat u osservat bla varjazzjoni mid-Direttur, manager, jew minn kull amministratur, tabib kuranti jew assistent tal-istess Sptar Monte Carmeli, u li l-appellat m’ghandu bl-ebda mod jigi rilaxxjat mill-kustodja tal-istess Sptar, lanqas temporanjament, minghajr ma jigu osservati d-dispozizzjonijiet kollha tal-artikoli 42 u 43 tal-Kap.262. Ghal dan il-fini qed tordna komunika ta’ kopja ta’ din is-sentenza lic-Chief Government Medical Officer, lic-Chief Executive u Manager tal-Istess Sptar u lid-Direttur tal-Psikjatrija fl-Isptar Monte Carmeli.

**Ghal dawn il-motivi s-sentenza appellata u - ghal kull buon fini – d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-24 ta’ Mejju, 2004 , qed jigu konfermati**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------